MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tas-17 ta' Mejju, 2023

Appell Inferjuri Numru 83/2020 LM

**Ursula Ellul Sullivan (K.I. nru. 339268M)**
*('l-appellanta')*

***vs.***

**RECC Ltd.**
*('is-soċjetà appellata')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrenti **Ursula Ellul Sullivan (K.I. nru. 339268M)**, [minn issa 'l quddiem 'l-appellanta'], mis-sentenza 'parzjali' mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) [minn issa 'l quddiem 'l-Ewwel Qorti'], tal-11 ta' April, 2022, li permezz tagħha l-Ewwel Qorti laqgħet l-ewwel eċċezzjoni tas-soċjetà intimata **RECC Ltd.** [hawnhekk 'is-soċjetà appellata'] fis-

sens li ddikjarat li r-rikorrenti ddekadiet mid-dritt li terġa' lura mill-bejgħ u titlob id-depożitu lura minħabba fit-trapass ta' sentejn mid-data tal-ftehim. L-Ewwel Qorti ordnat ukoll il-kontinwazzjoni tas-smigħ limitatament sabiex tiġi kkonsidrata l-kontro-talba tas-soċjetà intimata.

**Fatti**

2. Permezz ta' talba quddiem l-Ewwel Qorti, ir-rikorrenti talbet li s-soċjetà intimata tiġi ordnata tħallas is-somma ta' ħamest elef u sitt mitt Euro (€5,600) oltre l-imgħax legali mis-27 ta' Lulju, 2017, rappreżentanti rifużjoni ta' depożitu mħallas minnha lis-soċjetà intimata għall-konsenja ta' *fridges* u *freezers* skont ordni ta' bejgħ, liema prodotti r-rikorrenti tgħid li qatt ma ġew ikkonsenjati lilha. Ir-rikorrenti fetħet proċeduri kontra s-soċjetà intimata għaliex issostni li skont il-ftehim bejn il-partijiet, hija għandha dritt titlob rifużjoni tal-ammont imħallas minnha għaliex is-soċjetà intimata naqset milli teżegwixxi l-obbligi intrapriżi minnha.

**Mertu**

3. Għal din it-talba tar-rikorrenti, is-soċjetà intimata wieġbet bili qalet li preliminarjament l-azzjoni attriċi hija preskritta *ai termini* tal-artikolu 1407(1) tal-Kodiċi Ċivili, u mingħajr preġudizzju għal dan, it-talba tar-rikorrenti hija infondata fil-fatt u fid-dritt. Qalet li mhux minnu hija ma eżegwietx l-obbligi assunti minnha, iżda li kienet ir-rikorrenti li naqset ripetutament milli tkun f'pożizzjoni kemm fiżika li tirċievi l-oġġetti ordnati, u li finanzjarjament tħallas

il-kumplament tal-prezz dovut minnha. Is-soċjetà intimata eċċepiet ukoll li minkejja li hija ttentat teżegwixxi l-kunsinna tal-merċa diversi drabi, dan kien kollu inutili, u għalhekk hija għandha dritt, skont il-kuntratt iffirmat u esebit in atti, li żżomm id-depożitu. Eċċepiet ukoll li hija r-rikorrenti li hija debitriċi tal-intimata, u għalhekk ukoll l-intimata ressqet il-kontro-talba tagħha f'dan ir-rigward.

4. Permezz tal-kontro-talba tagħha, is-soċjetà intimata spjegat li hija kienet daħlet fi ftehim ta' bejgħ mar-rikorrenti fi-rigward tal-bejgħ u xiri ta' merċa skont il-kundizzjonijiet fuq il-kuntratt. Qal li mill-prezz pattwit ir-rikorrenti ħallset biss ammont żgħir, li jifforma l-mertu tat-talba prinċipali. Is-soċjetà intimata qalet li hija trid li jiġi eżegwit il-kuntratt anke għaliex il-merċa issa ilha għandha diversi snin, u dan wara li r-rikorrenti naqset milli tirċievi l-kunsinna tal-oġġetti u tħallas il-bilanċ dovut minnha. Qalet li huwa għalhekk li issa hija qegħda tadixxi lill-Qorti sabiex l-obbligi assunti mir-rikorrenti jiġu onorati, u għalhekk din tħallas għall-merċa in kwistjoni a tenur tal-artikolu 1348(3) tal-Kodiċi Ċivili. Is-soċjetà intimata talbet lill-Ewwel Qorti tordna lir-rikorrenti tħallas l-ammont ta' ħdax-il elf u tmien mitt Euro (€11,800) rappreżentanti prezz ta' merċa skont il-ftehim bejn il-partijiet.

5. **Ivan Ghio**, direttur tas-soċjetà intimata, xehed li huwa d-direttur u s-sid tal-kumpannija, li qal li tagħmel xogħol ta' *refrigeration,* jiġifieri importazzjoni, installar u *service* fuq it-tagħmir li jiġi impurtat. Qal li r-rikorrenti kienet marret fis-*showroom* tal-kumpannija li tospita żewġ kumpanniji tiegħu, RECC Limited u 360 Retails Supplies, minn fejn ordnat żewġ *fridges* u l-ixkaffar kollu għall-ħanut

tagħha. Qal li r-rikorrenti ordnat żewġ *fridges* partikolari u talbet li l-kunsinna ssir f'Novembru tal-2017. Qal li minkejja li bħala prassi huma jitolbu 50% tal-prezz bħala depożitu, ir-rikorrenti kienet qalet li mhijiex f'pożizzjoni li tħallas l-ammont ta' flus mitlub minnha, u għalhekk qablet li tħallas €2,500. Qal li t-tagħmir wasal f'Novembru, iżda meta sar kuntatt mar-rikorrenti sabiex issir il-kunsinna, din kienet wieġbet li kienet ser tikkuntattja lis-soċjetà intimata lura hi. Qal li saru diversi tentattivi sabiex issir komunikazzjoni mar-rikorrenti, iżda kien kollu ta' xejn, sakemm eventwalment fi Frar din kienet qaltilhom li kellha problemi mediċi u riedet ftit żmien ieħor biex tkun tista' taċċetta l-oġġetti ordnati minnha. Qal li għal diversi xhur komplew it-tentattivi sabiex isir kuntatt mar-rikorrenti, u f'Lulju hija ħallset parti oħra minn dak li kien dovut minnha. Żied jgħid li minkejja diversi tentattivi biex il-partijiet jaslu fi ftehim dwar id-data tal-kunsinna, ir-rikorrenti baqgħet ma kkommettietx ruħha, u għalhekk lejn l-aħħar tal-2018 huma bagħtu ittra fejn infurmaw lir-rikorrenti li f'każ li ma ssirx il-kunsinna, hija kienet ser titlef id-depożitu mħallas minnha. Qal li fis-sajf tal-2019, saret l-installazzjoni tal-ixkaffar tal-ħanut u dan tħallas mir-rikorrenti.

6. Ir-rikorrenti **Ursula Ellul Sullivan** fix-xhieda tagħha qalet li hija marret fis-*showroom* tas-soċjetà intimata sabiex tixtri xi *fridges.* Qalet li l-ħsieb tagħha kien li tiftaħ *mini-market* qabel is-sajf tal-2017, u għalhekk l-ordni tagħha għamlitha f'April tal-2017. Qalet li dak iż-żmien hija ġiet infurmata li l-kunsinna ssir bejn tmien ġimgħat u tnax-il ġimgħa minn meta tagħmel l-ordni tagħha. Qalet li l-kunsinna baqgħet ma saritx qabel is-sajf, u tul ix-xhur tas-sajf hija kienet impenjata ħafna b'negozju ieħor li kienet tiġġestixxi. Ir-rikorrenti qalet li

għall-ħabta ta' Ottubru jew Novembru tal-2017 hija kkuntattjat lis-soċjetà intimata sabiex tara x'kien sar mill-ordni tagħha, u dak iż-żmien ir-risposta li ngħatat kienet li peress li kien wasal żmien il-Milied, kien hemm problemi ta' loġistika bil-kunsinna, u ntalbet tikkuntattja lis-soċjetà intimata wara l-bidu tas-sena. Ir-rikorrenti kompliet tgħid li fi Frar tal-2018, hija ġiet infurmata li l-*fridges* ordnati minnha kienu qegħdin jiġu prodotti minħabba l-kulur partikolari li hija kienet għażlet, u sussegwentement hija rċeviet telefonata f'Ġunju fejn ġiet infurmata li l-*fridges* kienu waslu. Qalet li hija riedet tmur fil-maħżen tas-soċjetà intimata biex tkun żgura li l-ordni tagħha waslet, iżda wara li rat il-merkanzija li kien hemm fl-imħażen tas-soċjetà intimata, xorta waħda ma kinitx konvinta li l-ordni tagħha kienet waslet. Qalet li dak iż-żmien hija ħallset it-tieni parti tad-depożitu fuq din l-ordni. Żiedet tgħid li f'Lulju tal-istess sena saret il-kunsinna tal-ixkaffar tal-ħanut u hija ħallset tiegħu. Qalet ukoll li esponent tas-soċjetà intimata kien qalilha li trid tħallas il-bilanċ tal-prezz fuq il-*fridges* ordnati qabel dawn ikunu jistgħu jitwasslu lilha, iżda hija riedet tħallas il-bilanċ dovut minnha wara li ssir l-installazzjoni. Qalet li skont il-ftehim li sar bejn il-partijiet, il-ħlas tal-bilanċ kellu jsir ladarba hija tkun kuntenta bl-installazzjoni. Ir-rikorrenti xehdet ukoll li hija fittxet rimedju mingħand l-Ombudsman, kif ukoll ippruvat tikkomunika mal-aġenti tas-soċjetà intimata barra minn Malta.

**<u>Is-Sentenza Appellata</u>**

7. L-Ewwel Qorti fil-11 ta' April, 2022 tat sentenza 'parzjali' dwar l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mis-soċjetà intimata, fejn il-Qorti għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"**Kunsiderazzjoni:***

*7. Din is-sentenza tirrigwarda biss din l-eċċezzjoni u f'dan is-sens għalhekk hija waħda parzjali.*

*8. Skont l-Art. 1385 tal-Kodiċi Ċivili:*

**"1385. Jekk il-bejjiegħ jonqos li jagħmel il-kunsinna, fiż-żmien miftiehem, ix-xerrej jista' jitlob, kif jagħżel hu, jew li l-kuntratt jiġi maħlul, jew li huwa jiġi mqiegħed fil-pussess tal-ħaġa mibjugħa, iżda dan kemm-il darba d-dewmien ikun ġie kkaġunat mill-bejjiegħ biss."**

*9. Imbagħad skont l-Art. 1407 tal-istess Kodiċi Ċivili:*

**"1407. (1) L-azzjoni li tmiss lill-bejjiegħ għaż-żieda tal-prezz, u dik li tmiss lix-xerrej għat-tnaqqis tal-prezz jew biex jerġa' lura mill-kuntratt, tintilef għeluq sentejn minn dakinhar tal-kuntratt.**

**(2) Dan iż-żmien tal-preskrizzjoni jimxi kontra l-assenti, l-interdetti, in-nisa miżżewġa u l-minuri, kemm-il darba l-jedd ta' dawn il-persuni ikun ġej minn bejjiegħ jew xerrej li kontra tiegħu l-mixi taż-żmien tal-preskrizzjoni ma jiġix sospiż."**

*10. Sabiex tiddetermina l-preskrizzjoni applikabbli l-Qorti għandha dejjem tillimita ruħha għall-azzjoni speċifika li tkun ġiet proposta u dan irrispettivament minn x'ikun effettivament irriżulta mill-provi. F'dan il-każ ir-rikorrenti qed titlob ir-rifużjoni tad-depożitu ta' €5,600 li ħallset fuq il-kuntratt għaliex skont hi l-kumpannija intimata naqset milli tagħmel il-kunsinna fiż-żmien miftiehem. Huwa rrilevanti f'dan l-istadju li skont ix-xhieda tal-intimata, il-kunsinna ma saritx għaliex kienet ġiet irrifjutata mir-rikorrenti stess.*

*11. Fin-nota ta' sottomissjonijiet finali tagħhom l-avukati difensuri tar-rikorrenti saħqu illi:*

- *Il-preskrizzjoni edotta fl-Art. 1407(1) ma tapplikax għaliex ir-rikorrenti mhijiex qiegħda terġa' lura mill-kuntratt iżda qiegħda sempliċiment titlob li jiġi rifuż lilha d-depożitu stante illi l-kumpannija intimata ma waslitx skont dak miftiehem;*
- *L-Artikolu 1407 jinsab fis-sub-titolu IV "Fuq Obbligi tal-Bejjiegħ" u senjatament fis-sezzjoni "Fuq il-Kunsinna". F'dan il-każ il-kunsinna qatt ma saret u għalhekk l-artikolu 1407 ma japplikax stante li dan japplika f'każijiet biss fejn tkun saret il-kunsinna;*

- *Fi kwalunkwe każ anke jekk l-Art. 1407 japplika għall-każ de quo, l-azzjoni kif edotta mill-esponenti mhijiex fuori termine u dan għaliex l-Artikolu 2137 tal-Kap. 16 jipprovdi illi l-preskrizzjoni tibda tiddekorri minn dakinhar li l-azzjoni tista' tiġi eżerċitata u darba l-kunsinna għadha ma saritx, allura t-terminu propost fl-Art. 1407 għadu ma bediex jiddekorri.*

*12. Il-Qorti immedjatament tissenjala illi l-ewwel żewġ argumenti mressqa mir-rikorrenti huma assolutament bla ebda fondament legali u m'għandhomx mis-sewwa. Huwa ammess bejn il-partijiet illi l-ftehim ta' bejgħ sar għalkemm tħallset biss parti mill-prezz u l-kunsinna għadha ma saritx. Issa la r-rikorrenti qed titlob ir-rifużjoni tad-depożitu li ħallset minħabba li ma saritx il-kunsinna fiż-żmien miftiehem, dan tista' tagħmlu biss* ***jekk tkun trid terġa' lura mill-kuntratt (ai termini tal-Art. 1385 tal-Kap. 16)*** *u għall-ebda raġuni oħra. Lanqas mhuwa l-każ illi l-Art. 1407 japplika biss f'każijiet fejn tkun saret il-kunsinna u dan mhux biss għaliex ma jirriżultax hekk mid-diċitura tal-liġi iżda inoltre għaliex bil-kliem* "terġa' lura mill-kuntratt" il-*leġislatur kien qiegħed b'mod ċar jirreferi għal dawk l-istanzi kollha taħt is-sub-titolu IV fejn ix-xerrej ikollu d-dritt li jerġa' lura mill-kuntratt fosthom meta l-kunsinna ma tkunx saret fiż-żmien miftiehem skont l-Art. 1385.*

*13. Fir-rigward tat-tielet argument għal darb'oħra l-Qorti ttenni illi mhuwiex il-każ illi t-terminu propost fl-Art. 1407 ma jibdiex jiddekorri qabel ma ssir il-kunsinna. Indubbjament però in kwantu dan l-argument jirreferi għat-terminu in kwistjoni bħala wieħed ta' preskrizzjoni l-Qorti tqis illi din il-kwistjoni timmerita ċertu approfondiment.*

*14. Id-diċitura tal-liġi fl-Artikolu 1407(1) tagħmel riferenza għall-klien* "tintilef għeluq sentejn" *liema kliem jagħtu x'wieħed jifhem illi l-perijodu ta' sentejn huwa wieħed ta' dekadenza. Fis-subartikolu (2) però dan il-perijodu jiġi riferut bħala* "iż-żmien ta' preskrizzjoni".

*15. Prof. V. Caruana Galizia jgħid fin-noti tiegħu "*The Contract of Sale" (p. 553) *fir-rigward ta' dan l-artikolu tal-liġi illi:*

"It is debated whether it is the case of a prescription of an action or a forfeiture of a right. The Italian Civil Code adds after the corresponding article the words "under the sanction of forfeiting the respective rights", which are taken to mean that it is a case of a forfeiture of rights: this is also the opinion prevailing amongst French commentators (Planiol et Ripert, Vol. X, p. 256)."

*16. Fil-ġurisprudenza tagħna insibu s-segwenti insenjament:*

*- Fis-sentenzi fl-ismijiet* ***Giuseppe Sammut v. Notaro Edoardo Pellegrini Petit*** *(Appell Ċivili, 16/01/1920) il-Qorti tal-Appell qalet hekk:*

"Secondo i principii di diritto quando la legge stabbilisce un termine entro cui un atto si deve compiere ... quel termine anziche di prescrizione e termine di decadenza nel senso che decorso quel termine quell'atto non è più ammissibile: e, nel caso, si tratta di un termine di procedura in cui il decorrimento del tempo, a differenza che nei termini di prescrizione, opera da solo la decadenza ... Inoltre la dottrina pone il criterio distintivo fra termine di prescrizione e termine di decadenza in ciò che, se la disposizione che avesse un termine per l'esperimento di un diritto non dica espressamente che si tratta di prescrizione e non abbia i caratteri di questa, si trattava di una decadenza piuttosto che di una prescrizione."

- *Fis-sentenza* ***Paolo Koludrovich v. Carmelo Muscat*** *(Qorti tal-Appell Kummerċjali, 01/06/1959) il-Qorti għamlet riferenza għal diversi awturi dwar il-kwistjoni:*

  "Illi d-distinzjoni bejn preskrizzjoni u dekadenza hi materja indubbjament sottili; u billi jonqos il-kriterju fissat mil-liġi, l-opinjonijiet huma wisq varji, u ma jonqsux skritturi li jaffermaw l-identità tad-dekadenza u tal-preskrizzjoni, jew almenu analoġija tali li tispinġi ruħha għall-akbar grad bejn il-waħda u l-oħra. U difatti, Dunot jikkonfondi t-termini ta' preskrizzjoni u t-termini stabbiliti taħt piena ta' dekadenza; u Merlin jgħallem illi d-dekadenzi huma suxxerribbli tal-applikazzjoni tar-regoli kollha proprji tal-preskrizzjoni estintiva, sakemm il-liġi ma tiddisponix altrimenti, sija f'termini espressi, sija b'mod impliċitu in rapport ta' xi uħud minnhom; filwaqt li Troplong, Laurent, Aubry et Rau, u Lereaux de Bretagne ippruvaw jistabbilixxu distinzjoni bejn id-dekadenzi u l-preskrizzjonjiet ... Skont Pugliese id-differenzi karatteristiċi bejn iż-żewġ istituti huma dawn: il-preskrizzjoni tikkolpixxi direttament id-dritt, id-dekadenza testingwi l-azzjoni pura u sempliċi; il-preskrizzjoni titfi d-dritt u tipproduċi l-liberazzjoni minn obbligazzjoni jew minn piż, id-dekadenza, għall-kuntrarju, tirrendi inoppunjabbli d-dritt li kontra tiegħu kienet tista' tiġi, u invece ma ġietx, eżerċitata l-azzjoni spettanti lill-avversarju; iżda l-istess Pugliese jirrikonoxxi illi l-ewwel propożizzjoni hija ħafna kontroversa. Għalhekk, skont Pugliese, id-dekadenza ma tipproduċix il-konsolidazzjoni ta' stat difformi mad-dritt, għall-kuntrarju, tikkonserva u tikkorrobora l-istat ġuridiku pre-eżistenti, imma tneħħieh minn kull

kontestazzjoni, u kwindi tipproduċi l-effett dijametrikalment oppost għal dak tal-preskrizzjoni ...”

- *Fis-sentenza fl-ismijiet* ***Victor Camilleri v. Vincent Micallef*** *(Qorti tal-Appell Superjuri, 05/10/1998) il-Qorti kkwotat lil Giorgio Giorgi (Teoria delle obbligazioni nel diritto moderno italiano – Vol. VIII) li jgħid is-segwenti:*

  “Quando la disposizione non dica esplicitamente che è una prescrizione, sono da ritenersi il carattere della decadenza ... Se guardiamo alla scienza, essa ci dirà che la prescrizione colpisce sempre direttamente l’azione; di modo che la morte del diritto per prescrizione avviene in modo indiretto ... la decadenza colpisce direttamente il diritto ...”

- *Fis-sentenza* ***Emanuel Borg vs John Xuereb*** *(Qorti tal-Appell Superjuri, 25/01/1989) jintqal illi:*

  “anki din il-kwistjoni ġiet deċiża diġà diversi drabi minn dawn il-Qrati fis-sens li l-perijodu stabbilit fl-imsemmi Artikolu hu perijodu ta’ dekadenza bir-riżultat li jekk il-kompratur jonqos li jeżerċita d-dritt mogħti lilu bl-Artikolu 1407 kontra l-venditur fi żmien sentejn ma jistax jeżerċita l-istess dritt “*per via di azione”* u anqas “*per eccezione”* wara li jkun iddekorra dak it-terminu ... F’dan ir-rigward kull argument dwar interruzzjoni ta’ preskrizzjoni huwa irrilevanti għax kif ġia osservat il-perijodu ta’ sentejn previst mill-Artikolu 1407 (1) tal-Kodiċi Ċivili mhux perijodu ta’ preskrizzjoni iżda wieħed ta’ dekadenza bbażat fuq ir-raġonament spjegat fil-ġurisprudenza ċċitata illi ġialdarba l-kumpratur li jkollu lanjanza dwar il-kwalità tal-oġġett la jitlob ir-risoluzzjoni tal-kuntratt u anqas jitlob prezz inqas fi żmien sentejn ma jistax imbagħad jippretendi dawn id-drittijiet wara.”

- *Fis-sentenza fl-ismijiet* ***Buttigieg v. Zammit*** *(Qorti tal-Appell, 07/10/1997) ingħad illi:*

  *“*Għal kull buon fini, il-Qorti tirrileva li t-terminu ta’ xahar impost mil-liġi (fil-każ de quo, sentejn) ġie deċiż li mhux terminu ta’ preskrizzjoni (li ma jkunx jista’ jiġi sollevat mill-Qorti ex officio), iżda hu terminu ta’ dekadenza li hu t’ordni pubbliku u mhux interrottibili.”

- *Fis-sentenza mirquma* ***Joseph Sammut et. v. Johanna Adriana Fenech Dekkers*** *(Prim’Awla tal-Qorti Ċivili, Rik. Ġur. Nru. 1078/2010/CFS, 28/01/2022) ingħad hekk mill-Qorti:*

*"*Bħala daħla, tajjeb li jingħad li dan it-terminu ta' sentejn huwa wieħed ġenerali li jgħodd għall-azzjonijiet kollha li jaqgħu taħt is-Sub-Titolu IV § I ta' Titolu VI ta' Taqsima II tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi Ċivili msejjaħ 'Fuq il-Kunsinna'. Ifisser dan, li t-terminu ta' sentejn imsemmi fl-artikolu 1407(1) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta jgħodd kemm f'każ ta' azzjoni taħt l-artikolu 1390 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta dwar ħwejjeġ mibjugħa li ma jkunux skont il-kwalità miftiehma, kif ukoll għall-azzjoni taħt l-artikolu 1402 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta dwar bejgħ li ma jkunx skont il-kejl miftiehem (*u din il-Qorti iżżid, kif ukoll għall-azzjoni taħt l-artikolu 1385) ...*

... Fil-qosor, għad li kemm it-terminu ta' dekadenza u kif ukoll it-terminu ta' preskrizzjoni għandhom il-poter li jitfu u joħonqu azzjoni legali meħuda quddiem il-qrati, id-differenza ewlenija bejn dawn iż-żewġ termini huwa li filwaqt li fil-każ ta' terminu ta' dekadenza ż-żmien imsemmi fil-liġi ma jistax jiġi mtawwal wara l-għeluq tiegħu, jekk jirriżultaw iċ-ċirkostanzi ta' interruzzjoni jew ta' sospensjoni li jissemmew espressament fil-liġi ...

... Ġeneralment biex wieħed jagħraf jekk terminu huwiex ta' dekadenza jew ta' preskrizzjoni, wieħed irid iħarres lejn kif il-leġislatur jiddeskrivi dak it-terminu fit-test tal-liġi. Jekk il-liġi tuża l-kelma preskrizzjoni jew kliem ieħor li jitnisslu minn din il-kelma, allura wieħed jifhem li dak it-terminu huwa regolat bil-prinċipji li jsawru l-istitut tal-preskrizzjoni; jekk min-naħa l-oħra l-liġi ma tużax il-kelma preskrizzjoni jew kliem oħra li jitnisslu minn din il-kelma, allura dak it-terminu jitqies bħala wieħed ta' dekadenza (ara inter alia Giuseppe Sammut v. Notaro Edoardo Pellegrini Petit deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-16 ta' Jannar, 1920, Sacerdote Don Pio Gauci et v. Onorevole James A. Galizia, C.B.E., ne. deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-13 ta' Frar, 1936, Doris Giordimaina v. Oxford Mobbli Limited deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Marzu, 2008, Mario Pickard v. Grace Anderson deċiża mill-Qorti tal-appell fil-25 ta' Novembru, 2011 u Peter Sammut v. Sullivan Maritime Limited deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Marzu, 2014).

Dan meqjus, il-qorti jkollha tistqarr li l-mod ta' kif inhu miktub l-artikolu 1407 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta jħalliha ftit bejn ħalltejn dwar jekk t-terminu tas-sentejn għandux jitqies bħala wieħed ta' dekadenza jew wieħed ta' preskrizzjoni ... Illi d-diffikultà li tara l-qorti fl-artikolu 1407 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta, tinsab imsejsa fuq il-fatt li għalkemm dan l-artikolu jinsab deskritt fin-nota marġinali tiegħu bħala "preskrizzjoni tal-azzjoni" u minkejja wkoll li fit-test tal-artikolu 1407(2) insibu wkoll il-kliem "iż-żmien tal-preskrizzjoni", madankollu

meta wieħed jaqra u jifli kif imiss l-artikolu tal-liġi kollu kemm hu, wieħed dlonk jista' jintebaħ li ż-żmien imsemmi f'dan l-artikolu fih karatteristiċi li huma aktar marbuta mat-termini ta' dekadenza milli ma' dawk li huma marbuta ma' termini ta' preskrizzjoni ... Ibda biex, fl-artikolu 1407(1), il-leġislatur għażel il-kliem "l-azzjoni ... li tmiss lix-xerrej ... tintilef għeluq sentejn minn dakinhar tal-kuntratt." Il-kelma "tintilef" hija aktar sinonima maż-żmien ta' dekadenza milli maż-żmien ta' preskrizzjoni ... iżda l-aktar ħaġa li tispikka f'għajnejn il-qorti, li fl-aħħar mill-aħħar tipperswadiha biex tgħid li t-terminu ta' sentejn imsemmi fl-artikolu 1407 mhuwiex regolat bil-prinċipji normali tal-interruzzjoni u tas-sospensjoni tal-preskrizzjoni, joħroġ mill-fatt li fl-artikolu 1407(2) hemm imniżżel li t-terminu ta' sentejn għandu jitqies ukoll li jimxi kontra l-assenti, l-interdetti, in-nisa miżżewġa u l-minuri, kemm-il darba l-jedd ta' dawn il-persuni jkun ġej minn bejjiegħ jew xerrej li kontra tiegħu l-mixi taż-żmien tal-preskrizzjoni ma jiġix sospiż ... Il-qorti qed tifhem li l-leġislatur ried jagħmilha ċara hawnhekk li għalkemm huwa kien qed jirreferi għaż-żmien ta' sentejn fl-artikolu 1407 bħala wieħed ta' preskrizzjoni, madankollu huwa ma riedx jorbot dan iż-żmien bir-regoli ġenerali tal-interruzzjoni u tas-sospensjoni tal-preskrizzjoni li nsibu fit-Titolu XXV ta' Taqsima II tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi Ċivili ...

... Ifisser għalhekk, li t-terminu ta' sentejn fl-artikolu 1407 għandu jitqies bħala wieħed ta' natura perentorja li jiskadi minnufih malli jgħaddu s-sentejn minn meta jkun sar il-kuntratt ta' bejgħ."

*17. Fuq l-iskorta ta' din il-ġurisprudenza l-Qorti ma ssibx eżitazzjoni f'li taqbel mal-pożizzjoni li l-perijodu ta' sentejn imsemmi fl-artikolu 1407(1) huwa wieħed ta' dekadenza.*

*18. Għalhekk dan it-terminu la jista' jiġi interrott u lanqas b'mod ieħor ippreservat u pprolungat, kif kien ikun il-każ li kieku l-perijodu kien wieħed preskrittiv tal-azzjoni. Fi kwalunkwe każ ma jistax ma jingħadx illi ma kienx hemm l-iċken tentattiv mir-rikorrenti sabiex jiġi ppruvat illi ġiet interrotta xi preskrizzjoni li tista' tkun applikabbli.*

*19. Mill-provi rriżulta illi l-ftehim ta' bejgħ bejn il-kontendenti ġie ffirmat fis-27 ta' Lulju, 2017. Huwa ċar għalhekk illi r-rikorrenti tilfet b'mod irrimedjabbli d-dritt li terġa' lura mill-ftehim ai termini tal-Art. 1407(1) tal-Kap. 16 meta sas-27 ta' Lulju, 2019 hija baqgħet ma fetħitx il-kawża appożita. Filfatt din il-kawża ġiet miftuħa fis-16 ta' Ġunju, 2020 wara trapass ta' ftit inqas minn tliet snin.*

***<u>Deċiżjoni</u>***

***20. Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qiegħda tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-kumpannija intimata fis-sens illi tiddikjara illi r-rikorrenti ddekadiet mid-dritt li terġa' lura mill-bejgħ u titlob id-depożitu lura bit-trapass ta' sentejn mid-data tal-ftehim. Spejjeż riservati għall-ġudizzju finali. Tordna l-kontinwazzjoni tas-smigħ limitatament sabiex tiġi kkunsidrata l-kontro-talba tal-kumpannija intimata."***

## L-Appell

8. Ir-rikorrenti ħassitha aggravata b'din is-sentenza 'parzjali' u qabel ressqet l-appell tagħha, intavolat rikors quddiem l-Ewwel Qorti fejn infurmat lill-Qorti li kien fi ħsiebha tappella mis-sentenza *in parte ai termini* tal-artikolu 231 tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta.

9. Fir-rikors tal-appell tagħha, l-appellanta spjegat li l-Ewwel Qorti ftit li xejn daħlet bir-reqqa dwar meta japplika l-artikolu 1407(1) tal-Kodiċi Ċivili. Qalet li minflok għażlet li tidħol fil-fond fuq in-natura tat-terminu ta' sentejn, jiġifieri dwar jekk dan huwiex wieħed ta' preskrizzjoni li jista' jiġi interrott b'xi att ġudizzjarju, jew inkella jekk huwiex wieħed ta' dekadenza, f'liema każ ma jistax jiġi interrott. L-appellanta qalet li minkejja din l-analiżi akkurata, din ftit li xejn għandha sinifikat fil-kawża odjerna, u dan għaliex hawnhekk ma kien hawn l-ebda tentattiv mir-rikorrenti sabiex il-perijodu preskrittiv jiġi interrott, iżda sempliċiment ittra legali li ġiet intavolata fid-29 ta' April, 2020 u mandat ta' sekwestru kawtelatorju. Qalet li fil-każ odjern il-punt tat-tluq huwa li ma saritx kunsinna, liema fatt huwa paċifiku bejn il-partijiet. Qalet ukoll li r-raġuni għaliex tali kunsinna ma saritx trid tiġi ttrattata fil-mertu quddiem l-Ewwel Qorti. L-

appellanta saħqet li ladarba ma saritx il-kunsinna, ma jistax japplika l-artikolu 1407 tal-Kap. 16. Qalet li l-kontestazzjoni tagħha mhijiex li l-bejgħ ma sarx fil-kwalità miftiehma jew skont il-kejl miftiehem, liema kontestazzjoni hija ma tistax tagħmilha f'dan l-istadju għaliex il-merkanzija ordnata la ġiet ikkunsinnata lilha u lanqas tħalliet tispezzjonaha sabiex tara hijiex tal-kwalità pattwita. Qalet li l-kontestazzjoni tagħha hija li l-appellati kisru l-obbligi kuntrattwali tagħhom meta ppretendew li għandhom jitħallsu l-bilanċ kollu għas-saldu qabel il-merkanzija ġiet ikkunsinnata u spezzjonata minnha, u dan imur kontra l-*order form* esebita. L-appellanta qalet li għalhekk it-terminu ta' preskrizzjoni mhuwiex dak speċjali *ai termini* tal-artikolu 1407(1) tal-Kap. 16, anki meta wieħed jikkonsidra li fil-każ odjern il-kwalità tal-kontendenti hija waħda ta' żewġ partijiet eżerċitanti l-kummerċ. Qalet li huwa paċifiku li hija riedet tixtri l-*fridges* għal attività ekonomika, għall-ġestjoni ta' *mini market,* u l-Ewwel Qorti ma ħadet l-ebda konjizzjoni ta' dan il-fatt. Qalet li għalhekk il-preskrizzjoni li għandha tapplika mhijiex dik prospettata fl-artikolu 1407(1) tal-Kap. 16, iżda dik *ai termini* tal-artikolu 2156(f) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, u għalhekk it-terminu applikabbli mhuwiex dak ta' sentejn iżda dak ta' ħames snin. Finalment l-appellanta qalet li hija setgħet teżerċita l-azzjoni tagħha wara s-16 ta' Lulju, 2018, jiġifieri minn meta saret taf bil-lanjanza li nġabet għall-attenzjoni tagħha. L-appellanta qalet li anki li kieku kellu japplika l-perijodu ta' preskrizzjoni ta' sentejn, dan il-perijodu beda jiddekorri mis-17 ta' Lulju, 2018, u għalhekk l-azzjoni ma kinitx *fuori termine* meta ġiet intavolata fis-16 ta' Ġunju, 2020.

**Ir-Risposta tal-Appell**

10. Is-soċjetà appellata wieġbet li l-appell intavolat mill-appellanta huwa null u irritwali fuq żewġ binarji. Qalet li fl-ewwel lok, l-appell kien intavolat tardivament, u spjegat li dan huwa appell minn sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fejn il-kawża kienet qegħda tinstema' biss fuq l-ewwel eċċezzjoni għat-talba prinċipali mressqa mill-appellanta. Qalet li s-sentenza però ma tistax titqies bħala waħda preliminari jew parzjali kif issostni l-appellanta. Spjegat li azzjoni prinċipali u dik magħmula b'rikonvenzjoni, huma separati u distinti minn xulxin, b'dan li jista' jiġri, bħal ma fil-fatt ġara, li jekk tiġi milqugħa eċċezzjoni waħda, din tista' toqtol għal kollox l-azzjoni prinċipali, u għalhekk is-smigħ ikompli biss fuq it-talba rikonvenzjonali. Is-soċjetà appellata qalet li bis-sentenza li tat l-Ewwel Qorti, din qatgħet għal kollox u b'mod finali l-kwistjoni tat-talba prinċipali. Is-soċjetà appellata qalet li ladarba l-Ewwel Qorti laqgħet l-ewwel eċċezzjoni tagħha, ġie li l-appellanta ddekadiet darba għal dejjem mid-dritt ivvantat minnha, u l-azzjoni spiċċat, mietet u ma tistax terġa' tiġi promossa. Żiedet tgħid li dan huwa irrilevanti mill-fatt li l-proċeduri odjerni issa ser jitkomplew fuq il-kontro-talba, u huwa għalhekk li saret distinzjoni bejn l-azzjoni prinċipali u l-kontro-talba, għaliex il-kontro-talba issa tista' tkompli b'mod awtonomu. Is-soċjetà appellata qalet li hekk kif l-Ewwel Qorti ddeċidiet li għandha tilqa' l-eċċezzjoni tagħha, jiġifieri li l-azzjoni tal-appellanta kienet waħda li saret *fuori termine* a tenur tal-artikolu 1407(1) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, u għalhekk l-azzjoni prinċipali spiċċat, bil-konsegwenza li sentenza li bdiet bħala waħda parzjali saret waħda finali fir-rigward tal-azzjoni prinċipali.

Is-soċjetà appellata qalet li għalhekk il-permess speċjali li talbet l-appellanta sabiex tkun tista' tressaq dan l-appell, legalment qatt ma kien rikjest u l-fatt li l-Ewwel Qorti tat dak il-permess ma jistax ikun ta' suffraġju għall-appellanta, għaliex dak li huwa null ma jistax jiġi sanat b'dan il-mod.

11. Is-soċjetà appellata qalet ukoll li ladarba l-permess mitlub qatt ma kien meħtieġ, dan ifisser li l-appell intavolat mill-appellanta huwa wieħed tardiv. L-appellata qalet illi li kieku l-eċċezzjoni tagħha ma ġietx aċċettata, kienet tkun hi li kien ikollha taderixxi ruħha ma' dak mitlub fl-artikolu 231 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, għaliex iċ-ċaħda tal-eċċezzjoni tagħha kienet tfisser li l-azzjoni prinċipali tal-appellanta kienet ser tissokta. Qalet iżda li ladarba dik l-eċċezzjoni ġiet milqugħa, kien hemm deċiżjoni finali kontra min ippropona dik l-azzjoni. Żiedet tgħid li s-sentenza appellata ngħatat fil-11 t'April, 2022, u għalhekk l-appellanta kellha tletin jum minn dakinhar sabiex tintavola l-appell tagħha. Minkejja dan, l-appell tal-appellanta ġie intavolat fl-10 t'Awwissu, 2022, u għalhekk ben oltre t-terminu impost mil-liġi. Is-soċjetà appellata qalet li dan huwa żball proċedurali gravi li ma jistax jiġi ssanat, għaliex it-termini imposti mil-liġi huma ta' ordni pubbliku, u għandhom jiġu segwiti *ad unguem.* Is-soċjetà appellata qalet li għalhekk, għal dan il-motiv biss, l-appell interpost huwa null u għandu jiġi respint bl-ispejjeż kontra l-appellanta.

12. It-tieni preġudizzjali sollevat mis-soċjetà appellata huwa li l-*iter* proċesswali kollu li sar quddiem l-Ewwel Qorti kien jikkonċerna biss jekk l-azzjoni tal-appellanta setgħetx tirnexxi fid-dawl tad-dekadenza msemmija fl-artikolu 1407(1) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Qalet li waqt l-istadju tas-

sottomissjonijiet quddiem l-Ewwel Qorti, l-appellanta argumentat biss li dan l-artikolu mhux applikabbli, iżda din imkien ma semmiet l-artikolu 2156(f) tal-Kap. 16. Qalet li huwa biss f'dan l-istadju li dan l-artikolu qiegħed jirraffigura għall-ewwel darba, u li din kienet il-bażi tat-talba tal-appellanta sabiex tingħata l-permess speċjali għal dan l-appell. L-appellata qalet li dan m'għandux ikun permess, għaliex mhux ġust li wieħed iġib 'il quddiem argumentazzjoni ġdida, bħala aggravju fir-rigward ta' dak deċiż mill-Ewwel Qorti, u dan meta l-Ewwel Qorti lanqas biss daħlet fuq dan il-punt. Qalet li fis-sistema tagħna mhux konsentit li jitqajmu kwistjonijiet jew materji fi stadju meta l-proċediment ikun quddiem qorti ta' reviżjoni, meta quddiem il-qorti tal-ewwel grad, l-istess kwistjonijiet, jew materji, qatt ma jkunu tqanqlu jew ġew diskussi. Żiedet tgħid li kwistjonijiet li ma jkunux tqajmu quddiem l-Ewwel Qorti jitqiesu bħala *noviter deductus,* u kif inhu risaput ikun hemm sovversjoni tad-dritt jekk kellu jiġi permess li Qorti ta' reviżjoni tidħol biex teżamina kwistjoni ġdida sollevata quddiemha li qatt ma kienet diskussa fl-ewwel grad. Qalet li din hija qorti ta' reviżjoni, u għalhekk l-eċċezzjonijiet u l-provi kollha rilevanti kellhom jingħataw u jiġu prodotti u trattati quddiem l-Ewwel Qorti.

13. L-appellata saħqet li dan il-punt *ex novo* qiegħed biss jiġi utilizzat f'dan l-istadju tal-proċess ġudizzjarju, u dan huwa ċensurabbli għaliex Qorti fi grad ta' appell qatt ma tista' tiġi mitluba teżamina dak li għamlet l-Ewwel Qorti fuq bażi t'argumentazzjoni ġdida, għaliex f'dak il-każ ma tkunx Qorti ta' reviżjoni jew ta' korrezzjoni. Qalet li wieħed jista' jikkoreġi jew jirrevedi fuq dak diġà sottomess

u mhux fuq prinċipji jew linji t'argumentazzjoni ġodda. Qalet li għalhekk għal dan il-motiv, ir-rikors tal-appell għandu jiġi miċħud ukoll.

14. Dwar il-mertu, is-soċjetà appellata qalet li hija tal-fehma li s-sentenza tal-11 t'April, 2022 hija waħda ġusta u timmerita konferma fl-intier tagħha. Qalet li l-eċċezzjoni għat-talba prinċipali m'għandha x'taqsam xejn mal-artikolu 2156(f) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, u wara kollox l-artikolu 1407(1) tal-Kap. 16 mhuwiex wieħed ta' preskrizzjoni, iżda ta' dekadenza. Qalet li dan kien ġie senjalat minnha fin-nota tagħha, u din il-linja ta' ħsieb jidher li ġiet aċċettata mill-Ewwel Qorti.

15. L-appellata spjegat li l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni li tiġi utilizzata trid tkun dik ġusta skont l-azzjoni utilizzata mill-parti attriċi. F'dan l-istadju, l-appellanta trid li din il-Qorti ma tagħtix effett għad-dekadenza ta' sentejn, iżda għall-preskrizzjoni kwinkennali bbażata fuq l-artikolu 2156(f) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Qalet li l-azzjoni tal-appellanta la hija waħda ta' kreditu, u lanqas waħda ta' danni emerġenti minn kuntratt. L-azzjoni tal-appellanta hija għar-rifużjoni tad-depożitu mħallas minnha għar-raġunijiet indikati fl-Avviż promutur tagħha, u din issa ma tistax tibdel il-binarju tal-azzjoni tagħha sabiex tgħid li l-artikolu utilizzat mis-soċjetà appellata kien ħażin. Qalet li azzjoni sabiex wieħed irodd lura l-ħlas ta' depożitu m'hija xejn għajr azzjoni sabiex wieħed jerġa' lura minn kuntratt. Kompliet tgħid li l-fatt li l-kunsinna għadha ma saritx, li huwa proprju l-mertu tal-kontro-talba, ma jnaqqas xejn mill-fatt li l-bejgħ kien ġie konkluż fil-ħin tal-aċċettazzjoni tal-mobbli in kwistjoni u tal-prezz. Skont il-liġi tagħna, il-bejgħ ma jiġix konkluż mat-*traditio,* iżda jiġi hekk finalizzat mal-ftehim

dwar l-oġġett u l-prezz. Qalet li għalhekk kuntratt ta' bejgħ għandu jitqies bħala wieħed bilaterali, fejn l-oġġett tal-kuntratt huwa proprju l-mobbli u l-prezz miftiehem.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

16. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji mressqa mill-appellanta, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata u tas-sottomissjonijiet magħmulin mis-soċjetà appellata. In vista tal-eċċezzjoni tan-nullità tar-rikors tal-appell sollevata mis-soċjetà appellata, il-Qorti sejra tibda billi tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar jekk dan l-appell għandux jitqies li huwa irritu.

*L-ewwel eċċezzjoni: it-tardività*

17. Is-soċjetà appellata tgħid li fil-każ odjern ma kienx hemm il-ħtieġa, da parti tal-appellanta, li titlob l-awtorizzazzjoni tal-Ewwel Qorti sabiex tkun tista' tappella mid-deċiżjoni 'parzjali' mogħtija, u dan għaliex bid-deċiżjoni tagħha l-Ewwel Qorti ddeċidiet kompletament il-lanjanza tal-appellanta, qieset li għandu japplika l-perijodu ta' dekadenza skont dak li jikkontempla l-artikolu 1407(1) tal-Kodiċi Ċivili, u għalhekk ikkonkludiet li m'għad fadal l-ebda lok fejn il-kwistjoni kif proposta mill-appellanta tkompli tiġi mistħarrġa mill-Ewwel Qorti. Is-soċjetà appellata qalet li dak li għad fadal li jiġi mistħarreġ mill-Ewwel Qorti hija l-kontro-talba tagħha, li hija azzjoni distinta u separata mill-

azzjoni prinċipali promossa mill-appellanta. Is-soċjetà appellata qalet li għalhekk l-appellanta ma kellhiex għalfejn titlob l-awtorizzazzjoni tal-Ewwel Qorti sabiex tappella mid-deċiżjoni mogħtija, u l-fatt li ntalbet din l-awtorizzazzjoni *ai termini* tal-artikolu 231 tal-Kap. 12 mingħajr ma kien hemm ħtieġa għal dan, u sussegwentement kien hemm stennija għar-risposta, wassal biex l-appell tal-appellanta ġie intavolat tardivament, u ben oltre t-trapass ta' tletin ġurnata stipulati bil-liġi.

18. Il-Qorti kkonsidrat din l-eċċezzjoni fit-tul, partikolarment għaliex filwaqt li huwa minnu li l-Ewwel Qorti, fid-deċiżjoni tagħha qalet li qegħda tagħti deċiżjoni "parzjali", fis-sens li d-deċiżjoni mogħtija kienet tikkonċerna biss l-ewwel eċċezzjoni sollevata mis-soċjetà appellata, fl-istess waqt huwa minnu wkoll li meta ġiet milqugħa din l-eċċezzjoni, ifisser li l-azzjoni kif promossa mill-appellanta ġiet estinta. L-appellanta, fl-Avviż tat-Talba tagħha spjegat li hija qegħda tippretendi ħlas lura ta' somma flus imħallsa minnha bħala depożitu għaliex fil-fehma tagħha s-soċjetà appellata naqset milli tonora l-obbligi kuntrattwali li kienet marbuta bihom, u qegħda tippretendi l-ħlas tal-oġġetti li għad iridu jiġu kkunsinnati lilha, meta l-ftehim bejn il-partijiet kien jgħid li dan il-ħlas kellu jsir wara li ssir l-installazzjoni tal-oġġetti ordnati mingħand s-soċjetà appellata. Din hija l-lanjanza li fuqha l-appellanta ssejjes l-azzjoni tagħha. L-Ewwel Qorti iżda, laqgħet l-eċċezzjoni tas-soċjetà appellata li l-appellanta kellha perijodu ta' sentejn li matulhom kellha tressaq l-azzjoni tagħha, u għalhekk, il-fatt li din naqset milli tieħu azzjoni qabel Ġunju tal-2020, il-kawża quddiem l-

Ewwel Qorti nfetħet fis-16 ta' Ġunju, 2020, fisser li din iddekadiet mid-dritt li terġa' lura mill-kuntratt.

19. F'dan l-istadju ta' appell, l-appellanta qegħda tgħid li t-terminu ta' dekadenza ta' sentejn mhux applikabbli, u li l-Ewwel Qorti kellha tapplika l-perijodu ta' preskrizzjoni kkontemplat fl-artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili, li jimponi preskrizzjoni ta' ħames snin f'azzjonijiet għall-ħlas ta' krediti li jkunu ġejjin minn operazzjonijiet kummerċjali, kif m'hemmx dubju li huwa l-każ istanti. L-appellata laqgħet għal dan billi qalet li din is-sottomissjoni ma kellhiex issir mill-appellanta quddiem din il-Qorti ta' reviżjoni, u dan għaliex din hija l-ewwel darba li l-appellanta qegħda tinvoka favur tagħha terminu preskrittiv ta' ħames snin minflok il-perijodu ta' dekadenza ta' sentejn sollevat mill-appellata.

20. Il-Qorti tqis li jkun ta' siwi li fl-ewwel lok tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar jekk il-fatt li fil-każ odjern għad trid tiġi deċiża l-kontro-talba tas-soċjetà appellata, u dan għaliex l-azzjoni mressqa mill-appellanta ġiet estinta billi ġiet milqugħa mill-Ewwel Qorti l-ewwel eċċezzjoni tas-soċjetà appellata, għandux ifisser li s-sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti hija waħda parzjali jew le. Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fis-sentenza fl-ismijiet **AirMalta plc *vs.* South Rays Holidays Limited**[1], qalet illi:

> *"... fl-istitut tar-rikonvenzjoni, l-azzjoni u l-azzjoni rikonvenzjonali jitqiesu bħala żewġ azzjonijiet li kapaċi joqogħdu waħedhom f'eżistenza indipendenti u awtonoma. Kemm hu hekk, l-artikolu 401 tal-Kodiċi jseddaq din l-awtonomija."*

[1] 30.06.2004.

21. Is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet **Av. Dr Francis Lanfranco *vs.* Francesco Saverio Cutajar**[2], imbagħad qalet illi:

*"... għalkemm bħala proċedura huwa permess f'kawża li tiġi ppreżentata kontro-talba skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 397 tal-Kapitolu 12 b'dan li l-effett tal-kontro-talba rigward proċedura, huwa dak li t-talba oriġinali u l-kontro-talba jiġu ttrattati fi proċess wieħed u ż-żewġ talbiet jiġu deċiżi f'kawża waħda, iżda xorta waħda l-istess kontro-talba hija kkunsidrata bħala kawża separata u distinta minn dik proposta mill-attur ...".*

22. M'hemmx dubju li ladarba l-proċeduri bejn il-partijiet jitkomplew quddiem l-Ewwel Qorti, dak li fadal li jiġi kkonsidrat huwa biss il-kontro-talba tas-soċjetà appellata, għaliex it-talba tal-appellanta ġiet estinta kompletament bid-deċiżjoni li ngħatat. Dan ifisser li għalkemm l-Ewwel Qorti qalet li kienet qegħda tagħti deċiżjoni "parzjali", in effetti d-deċiżjoni li ngħatat hija waħda finali, u dan għaliex meta ġiet milqugħa l-ewwel eċċezzjoni tas-soċjetà appellata, l-azzjoni proposta mill-appellanta ġiet estinta kompletament. L-appellanta kellha dritt tappella minn dik id-deċiżjoni ladarba ma qablitx magħha, iżda kellha tagħmel dan entro t-terminu ta' tletin ġurnata stabbilit fil-liġi, u mhux wara li talbet l-awtorizzazzjoni tal-Ewwel Qorti biex tkun tista' tappella mid-deċiżjoni mogħtija, għaliex tali awtorizzazzjoni ma kinitx meħtieġa, ladarba s-sentenza mogħtija ma qatgħetx biss uħud mill-kwistjonijiet fil-kawża, iżda qatgħet il-kwistjoni kompletament. Il-fatt li għad trid tiġi deċiża l-kontro-talba tas-soċjetà appellata ma jfissirx li s-sentenza tal-Ewwel Qorti kienet waħda parzjali, u dan għaliex it-talbiet li qegħdin isiru mis-soċjetà

[2] 29.09.2015.

rikonvenzjonanti fil-kontro-talba tagħha huma talbiet li setgħu isiru u jitqajmu f'kawża appożita.

23. Hawnhekk il-Qorti sejra tagħmel riferiment għal dak deċiż mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) fis-sentenza fl-ismijiet **Koca *vs.* Micallef Stafrace et noe**[3], fejn il-Qorti, wara deċiżjoni dwar il-kompetenza o meno tal-Ewwel Qorti, fejn intalbet l-awtorizzazzjoni tal-Ewwel Qorti sabiex isir appell mis-sentenza li qieset li m'hemmx kompetenza, qalet illi:

> *"Hawn insibu distinzjoni netta bejn appelli minn sentenzi preliminari ta' kull ġeneru li jeħtieġu l-awtorizzazzjoni tal-Qorti biex dak l-appell jiġi intavolat qabel is-sentenza finali, u dawk l-appelli minn sentenzi preliminari dwar il-kompetenza tal-Qorti li ma jeħtiġux dik l-awtorizzazzjoni. Naturalment sentenza dwar kompetenza fejn il-Qorti tiddikjara li m'għandhiex ġurisdizzjoni tieħu konjizzjoni tal-kawża, qatt ma tista' tirrikjedi l-permess tal-Qorti li tkun ippronunzjata biex isir appell u dan billi s-sentenza fiha nnifisha ma tkunx waħda preliminari iżda pjuttost finali billi b'dak il-pronunzjament il-ġudizzju jiġi tterminat."*

24. Is-sitwazzjoni odjerna wkoll hija waħda fejn is-sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti tterminat il-ġudizzju fir-rigward ta' dak mitlub mill-appellanta. Dan ifisser li wara li hija talbet inutilment l-awtorizzazzjoni tal-Ewwel Qorti sabiex tkun tista' tressaq l-appell tagħha, laħaq iddekorra t-terminu ta' tletin ġurnata li fih setgħet tressaq l-appell tagħha, bil-konsegwenza li l-appell imressaq mill-appellanta huwa wieħed *fuori termine.* In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, din il-Qorti mhijirx sejra tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' dan l-appell, stante li huwa minnu li dan tresssaq tardivament, u

[3] 03.02.2012.

konsegwentement huwa null, u qegħda tordna li l-atti għandhom jintbagħtu lura quddiem l-Ewwel Qorti sabiex din tkun tista' tipproċedi bis-smigħ tal-kontro-talba tas-soċjetà appellata.

**Decide**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti tiddeċiedi dwar l-appell odjern billi tiċħdu, filwaqt li tordna li l-atti għandhom jintbagħtu lura quddiem l-Ewwel Qorti sabiex isir is-smigħ dwar il-kontro-talba tas-soċjetà appellata.**

**L-ispejjeż tal-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti għandhom jibqgħu kif deċiżi, filwaqt li l-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom jitħallsu mill-appellanta.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**